MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 182/2005

**Emanuel Borg u martu Louise.**

**vs.**

**Joseph Borg u martu Caroline.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 18 ta' Frar 2005 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-
Illi peress li l-attur ghandu r-raba' f'Hal Qormi maghruf bhala tal-Hammieri minn fejn ghandu d-dritt jtella' l-ilma kif kienu jaghmlu l-antenati tieghu u baqa' jaghmel anki sa ftit zmien ilu minghajr xkiel ta' xejn.

Illi peress li l-konvenut l-imsemmi Joseph Borg ghandu raba' qrib ta' l-istess Emanuel Borg u li mhux ikkoltivat u l-

ispiera li kellu minfejn itella’ l-ilma ixxuttat u hija meqjusa mejta.

Illi peress illi ricentement l-istess Joseph Borg il-konvenut ikkawza u qed jikkawza danni peress illi fil-fatt qieghed inaqqas it-tgawdija ta’ l-ilma li Emanuel Borg kellu dritt ghalih u li minnu jiddependi t-tisqija tar-raba’ u l-ghixien tal-familja tieghu.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tinibih milli jtella’ l-ilma mill-hofra gdida li ghamel jew minn kull ohra sostwita ghaliha fir-raba’ ta’ Hammieri, limiti ta’ Hal Qormi, u tikkundannah li fi zmien qasir u perentorju jaghlaq il-hofra li huwa haffer abbusivament u b’detrimenti ghad-drittijiet ta’ l-attur fl-istess raba’, u jusufruwixxi biss l-ghajn antika li kien hemm fir-raba’ tieghu, u dan taht is-supervizjoni ta’ perit li jigi nominat.

2. Tiddikjarah responsabbli tad-danni sofferti mill-attur li jigu likwidat f’gudizzju separat.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi u l-lista tax-xhieda a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat id-digriet tat-22 ta’ Frar 2005 tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn appunta l-kawza ghas-smiegh ghall-5 ta’ April 2005.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Borg u martu Carolina Borg datata 14 ta’ Marzu 2005 a fol 10 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament, l-eccipjenti Caroline Borg mhijiex il-legittima kontradittrici u ghandha tigi liberata mill-gudizzju ‘*ab observantia’ stante* illi r-raba’ in kwistjoni huwa proprjeta` parafernali tal-konvenut l-iehor Joseph Borg, illi hija ma kkawzat ebda danni lill-attrici u li kwalsijasi att imwettaq mill-konvenut Joseph Borg

mhuwiex wiehed illi twiegeb ghalih il-Komunjoni ta' l-Akkwisti vigenti bejniethom.

2. Illi, in linea preliminari wkoll, l-atturi ghandhom jiddikjaraw fuq liema provvediment tal-ligi qeghdin isejsu t-talbiet taghhom u jiddikjaraw x'tip ta' azzjoni qeghdin jittentaw u abbazi ta' liema allegat dritt qeghdin isejsu l-azzjoni taghhom, u dan b'riserva ghal kull eccezzjoni ohra spettanti lill-konvenuti wara illi ssir tali dikjarazzjoni min-naha ta' l-atturi.

3. In-nullita` tac-citazzjoni promotrici *stante* illi l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tinibixxi lill-eccipjenti milli jtella' l-ilma u tordnalu biex jaghlaq il-hofra allegatament imhaffra minghajr ma ghamlu talba, in precedenza ghal dawn it-talbiet, sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara r-raguni ghaliex din l-Onorabbli Qorti ghandha taghti dawn l-ordnijiet u minghajr ukoll ma saret talba generali sabiex din l-Onorabbli Qorti taghti kull dikjarazzjoni talvolta mehtiega u necessarja sabiex taghti l-ordnijiet rikjesti mill-atturi.

4. Illi l-mera talba dikjaratorja dwar responsabbilta` ghad-danni minghajr talba ghall-likwidazzjoni u ordni ta' hlas ta' l-istess hija legalment insostenibbli.

5. Illi t-talba ta' l-atturi biex din l-Onorabbli Qorti tinibixxi lill-eccipjenti b'mod defenittiv milli jtellghu l-ilma minn gol-propjeta` taghhom hija legalment insostenibbli *stante* illi l-akkoljiment ta' tali talba ikun jilledi d-drittijiet propjetarji ta' l-eccipjenti Joseph Borg.

6. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt u kif fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-atturi *stante* illi l-atturi m'ghandhom ebda dritt illi javvanzaw it-talbiet taghhom kif dedotti fic-citazzjoni promotrici, illi l-eccipjenti ma vvjolaw ebda drittijiet ta' l-atturi tutelati bil-ligi u l-eccippjenti m'arrekaw ebda danni lill-atturi permezz ta' xi agir illegali kif allegat.

7. Illi f'kull kaz anke` jekk l-eccipjent Joseph Borg haffer biex itella' l-ilma fir-raba' propjeta` tieghu, u, f'kull kaz ukoll, l-uzu li jridu jaghmlu l-atturi mhuwiex wiehed

superjuri ghall-uzu li jista' jaghmel minn dan l-ilma l-eccipjent Joseph Borg.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri illi din l-Onorabbli Qorti tista' talvolta takkorda wara li ssir talba appozita ghal dan l-iskop skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti Joseph Borg u martu Caroline Borg u l-lista tax-xhieda a fol 12 u 13 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta tal-5 ta' April 2005 a fol 14 tal-process fejn dehru l-partijiet assistiti. Dr Joseph Brincat ghall-attur iddikjara li l-azzjoni hija bazata fuq l-artikolu 3 tal-Kodici Kriminali li jaghti dritt ta' azzjoni fuq l-att illegali tal-konvenuti. Huwa gie awtorizzat jipprezenta nota li fiha jispjega l-bazi legali ta' l-azzjoni tieghu u l-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghas-26 ta' April 2005; u tas-26 ta' April 2005.

Rat in-nota ta' l-atturi tas-27 ta' April 2005 (fol.16) li permezz taghha ndikaw il-bazi legali ta' l-azzjoni hija dik :-

(1) Meta jitwettaq reat kriminali passibbli, dak l-att jaghti lok ghall-azzjoni kemm kriminali u kemm civili li huma indipendenti minn xulxin. (artikolu 3 tal-Kodici Kriminali). Din l-azzjoni bbazata fuq att delittuz.

(2) It-thaffir ta' spieri huwa reat kriminali skond l-**artikolu 26 ta' Malta Resources Authority Act,** kif ukoll skond l-avviz legali 120/1997 li nzamm fis-sehh dwar l-ispieri.

In-nuqqas ta' licenzja u kontroll ghat-thaffir huwa reat kriminali li gab konsewgenzi wkoll fuq il-parti attrici, peress li tali kontroll huwa mehtieg biex jigu salvagwardati d-drittijiet ta' kulhadd.

Rat ir-rikors tal-konvenuti Joseph Borg *et* datat 30 ta' Mejju 2005 (fol. 18) fejn l-esponenti talbu lill-Qorti joghgobha tawtorizzahom jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri fis-sens riportat f'dan fl-istess rikors.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datat 6 ta’ Gunju 2005 fejn giet ordnata n-notifika b’terminu ghar-risposta.

Rat d-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datata 29 ta’ Awissu 2005 fejn inghad li l-Qorti rat ir-rikors, u d-digriet precedenti gew notifikati lill-atturi u li ma pprezentawx risposta u fin-nuqqas ta’ oggezzjoni *da parte* tal-kontro-parti, l-Qorti laqghet it-talba kollox kif jidher a fol. 22 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Joseph u Caroline, konjugi Borg datata 22 ta’ Settembru 2005 a fol 23 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-ewwel talba attrici (li fir-realta` tikkontjeni zewg talbiet, u cioe’ talba biex l-eccipjenti jigu inibiti milli jkomplu jaghmlu uzu mill-hofra u talba biex l-eccipjenti jigu kundannati jaghlqu din il-hofra) hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta *stante* li din it-talba ma ssegwix mill-kawzali u l-indoli ta’ l-azzjoni in kwantu l-azzjoni attrici, ex *admissis*, hija msejsa fuq ksur ta’ dispozizzjonijiet ta’ ligijiet kriminali, minn liema dispozizzjonijiet din it-talba certament li ma ssegwix.

2. Illi t-tieni talba attrici hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta *stante* illi (l-allegat) ksur tal-provvediment ta’ l-**artikoli 26 tal-Malta Resources Authority Act** u ta’ l-**Avviz Legali 120/1997** huwa merament ta’ natura ta’ ordni pubblika u certament illi dan il-fatt (allegat) ma jaghtix lok ghal azzjoni ghad-danni persegwibbli mic-cittadin privat.

3. Illi l-atturi m’ghandhom ebda nteress guridiku sabiex jipproponu u jipprosegwixxu l-kawza odjerna kif dedotta imsejsa fuq l-allegat ksur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 26 tal-Malta Resources Authority Act** u ta’ l-**Avviz Legali 120/1997**, kif minnhom dikjarat.

4. Illi t-talbiet attrici kif dedotti huma legalment insostenibbli u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta tat-8 ta' Novembru 2005 fejn deher biss il-konvenut assistit minn Dr. Chris Cilia u l-atturi baqghu ma dehrux u l-kawza thalliet ghall-20 ta' Jannar 2006 ghat-trattazzjoni dwar it-tielet eccezzjoni tan-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri dwar l-interess guridiku;

Rat l-ordni tal-Qorti datata 20 ta' Jannar 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Marzu 2006 fejn deher Dr Chris Cilia ghall-konvenuti u Dr Joseph Brincat ghall-atturi prezenti. Dr Cilia pprezenta nota ta' referenza *seduta stante.* Id-difensuri trattaw it-tielet eccezzjoni tan-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut dwar il-punt ta' l-interess guridiku u l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq dan il-punt ghas-27 ta' April 2006.

Rat in-nota ta' riferenzi tal-konvenuti datata 2 ta' Marzu 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija decizjoni limitata fuq t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti fin-nota ta' eccezzjonijiet ultejuri taghhom li tikkonsisti fl-eccezzjoni li l-atturi m'ghandhomx l-interess guridiku necessarju sabiex jaghmlu din il-kawza, skond huma msejsa fuq l-**artikolu 26 tal-Malta Resources Authority Act u ta' l-Avviz Legali 120 tan-1997.**

Illi l-gurisprudenza nostrali u anki ta' Qrati barranin tirrikjedi li rekwizit imprexindibbli ta' kull azzjoni hu l-interess f'min jipproponiha. Illi kif intqal fis-sentenza "**J Muscat et vs R Buttigieg et**" (27 ta' Marzu 1990 – Vol LXXIV.iii.481):

*“L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f’kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur.”*

Illi fil-fatt, fil-kawza “**Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalita` tieghu bhala Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni”** (Cit Numru 1790/00/JRM deciza fit-18 ta’ Jannar 2001), il-Qorti qalet hekk:-

*"Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru nteress ta’ l-attur f’kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B' ta' l-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta' l-ezistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f’valur ekonomiku [ara per ezempju, Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet “**Falzon Sant Manduca vs Weale**", maqtugha fid-9 ta' Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.I].*

*Illi minbarra dawn l-elementi, gie mfisser ukoll li biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il-motiv) tat-talba ghandu jkun konkret u jezisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba ssir [ara, per ezempju, sentenza ta' din il-Qorti (PASP) moghtija fit-13 ta' Marzu 1992, fil-kawza fl-ismijiet “**Francis Tonna vs Vincent Grixti**", Kollezz. Vol LXXV1.iii.592].”*

Illi fis-sentenza **“M Bond vs C Mangion et”** gie spjegat li:-

*“Fost ir-rekwiziti ta’ l-interess guridiku hemm dak li l-istess irid ikun attwali, cioe` dak li Mortara jiddefinixxi bhala. "La utilita` finale della domanda giudiziale sul tema*

*dell'asserita esistenza e violazione di un diritto". Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha jew jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta."*

Illi dan kien ikkonfermat fis-sentenza "**A Calleja vs O Micallef**" (1 ta' April 1992 – Vol LXXVI.ii.247).

Illi fis-sentenza mbaghad tas-17 ta' Frar 1993, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "**Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard**" qalet li "*l-interess guridiku huwa risaput, irid jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni".* F'dak il-kaz fil-mori tal-kawza nbidlu c-cirkostanzi u l-Qorti kkummentat li:-

*"Sa minn qabel ma nghatat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti, il-kumpanija attrici kienet ittrasferit id-drittijiet taghha fuq l-art u b'hekk kull interess taghha fl-azzjoni guridika li kienet ipproponiet kontra l-konvenut, awtomatikament spicca. U n-nuqqas ta' interess qatel ukoll id-dritt li tigi tal-kumpanija attrici nkwantu dan ma giex iddivorzjat mid-drittijiet fuq l-art u lanqas ma gie assunt mit-terzi li akkwistaw dak l-interess.*

*L-interess guridiku, huwa risaput, irid jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni. Meta dan l-interess tal-kumpanija attrici naqas, il-konsegwenza immedjata hija li l-konvenut ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju. Il-Qorti, da parti taghha, ma tistax tkompli bil-gudizzju sakemm il-konvenut stess ma jurix li huwa ghandu nteress guridiku li jottjeni sentenza kontra l-attur, li dak l-interess m'ghandux."*

Illi din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza: "**Micallef vs Pisani**" qalet:-

*"Illi l-Qrati taghna fissru wkoll li l-interess ta' parti li tiftah kawza jrid jibqa' jintwera tul il-kawza kollha ghaliex jekk tali nteress jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista' tissokta".*

Illi dan il-principju gie kkonfermat fil-kawza fl-ismijiet **"George Laferla et vs Joseph Lauri *et nomine*"** (P.A. (TM) 2 ta' Mejju 2002) fejn inghad li:-

*"Huwa risaput li l-interess ta' l-attur f'kawza jrid jibqa jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni, ghaliex jekk tali interess jigi nieqes il-kawza ma tkunx tista' tissokta (ara "Calleja vs Micallef" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' April, 1992, u "Sammut vs Attard" deciza wkoll mill-istess Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Frar 1993)".*

Illi fis-sentenza **"Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et"** (A.C. (JSP) – 6 ta' Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet:-

*"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta' interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa 'l'utilita' finale della domanda giudiziale nel tema dell'asserita esistenza o violazione del diritto'. Illi ghalkemm fis-sistema taghna tista' tinghata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista' jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz ta' l-awtorita' gudizzjarja".*

Illi hekk ukoll fis-sentenza **"Alexander Eminyan vs John Mousu' pro et noe et"** (A.C. 28 ta' Frar 1997 - Vol. LXX1. ii.429) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbuziv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir. Illi l-istess dikjarazzjonijiet gew affermati fis-sentenza fl-ismijiet **"Saviour Scerri et vs Salvu Farrugia et"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) u ssir riferenza ghall-istess decizjoni.

Illi applikat dan kollu ghall-kaz in ezami jirrizulta li l-azzjoni attrici hija bbazata fuq l-allegazzjoni li minhabba l-agir illegali tal-konvenut jew konvenuti meta dawn haffru hofra fl-ghalqa taghhom sabiex itlellghu l-ilma, allegatament

b'mod illegali u dan ikkawza danni lill-attur jew atturi peress li b'dan il-mod il-konvenuti messew il-vina ta' l-ilma li kienet tipprovdi l-ilma lill-atturi fl-ghalqa taghhom u b'hekk l-istess atturi ma setghux itelghu l-ilma fl-ghalqa taghhom kif kienu jaghmlu qabel ta' l-allegat agir illegali tal-konvenuti.
Illi dan premess it-talbiet ta' l-atturi huma sabiex il-konvenuti jigu mwaqqfa milli jtellghu l-ilma minn din il-hofra llegali li ghamlu fl-ghalqa taghhom, sabiex tinghalaq l-istess hofra u dikjarazzjoni ta' danni sofferti mill-atturi kawza ta' dan l-allegat agir illegali tal-konvenut jew konvenuti.

Illi b'nota l-atturi spjegaw li l-azzjoni taghhom hija naxxenti mill-fatt li l-konvenuti kissru d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 26 tal-Malta Resources Authority** u ta' l-**Avviz Legali 120/1997** u fil-fatt qed jigi allegat li sar att kriminali bit-thaffir ta' l-istess hofra mill-konvenuti u dan *inter alia* kontra l-istess dispozizzjonijiet, li jaghtu lok abbazi ta' l-**artikolu 3 tal-Kap 9** ghall-azzjoni kriminali u azzjoni civili, *stante* li dawn l-azzjonijiet huma indipendenti minn xulxin.

Illi min-naha taghhom il-konvenuti jghidu li l-ksur tad-dispizozzjonijiet ta' l-**artikolu 26 tal-Malta Resources Authority** u ta' l-**Avviz Legali 120/1997** ma jaghtux lok ghall-azzjoni attrici u minhabba f'hekk isostnu li l-istess atturi ma ghandhomx interess guridiku.

Illi kif inghad ic-citazzjoni attrici qed tallega li l-atturi qed isofru danni minhabba agir kontra l-ligi tal-konvenuti bit-thaffir ta' l-istess hofra fl-ghalqa taghhom bla permess, u dan minhabba l-allegazjoni li b'tali agir l-ilma li l-istess atturi kienu jtellghu mill-ghalqa taghhom issa ma jistax isir jew qed isir b'mod inqas peress li b'tali thaffir giet effetwata l-vina li kienet taghti l-ilma lill-ghalqa ta' l-atturi.
Illi **artikolu 26 tal-Malta Resources Authority** jipprovdi li:-

*"(1) Sakemm ma jigix preskritt mod iehor, hadd ma ghandu jwettaq xi attivita' jew operazzjoni, jew ikun ingaggat f'xi attivita' jew operazzjoni tali, li tirrigwarda r-rizorsi ta' energija, l-ilma u l-minerali. Kemm-il darba dik il-*

*persuna ma jkollhiex licenzja, permess jew awtorizzazzjoni ohra ta' l-Awtorita' taht dan l-Att";*

*"(2) kull min iwettaq xi attivita' bhal dik minghajr licenzja jew li jagixxi bi ksur ta' xi kondizzjoni ta' dik il-licenza ikun hati ta' reat u jista' jehel meta jinstab hati multa ta' mhux izjed minn Lm50,000 jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn jew ghal dik il-multa jew prigunerija flimkien".*

Illi min-naha l-ohra l-**l-Avviz Legali Numru 120 tas-sena 1997** mahrug taht l-**Att Numru XXIII tal-1991** jipprovdi ghad-dmir ta' kull persuna li tavza lill-Korporazzjoni hemm indikata ghal kull *ground water source* u wkoll li trid tithallas licenzja ghall kull registrazzjoni u uzu ta' din il-*ground water source* u min jonqos li jaghmel dan skond ir-regolamenti numru 3 u 4 ta' l-istess Avviz Legali jkun hati ta' reat bil-pieni ndikati fl-artikolu 6 ta' l-imsemmi Avviz Legali. Fl-artikolu 8 jinghad li tali registrazzjoni minnha nfisha ma taghtix id-dritt li l-utent jkun jista' jiehu ilma minn din l-ghajn u skond l-artikolu 9 *"the registration of a ground water source by a user shall in no way prejudice any rights or claims which third parties may have over such source".*

Illi applikati l-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta lil din il-Qorti li l-atturi qed jallegaw li qed isofru dannu minhabba l-agir allegatament illegali tal-konvenuti – agir li allegatament huwa kontra l-ligi ghaliex sar bla permess jew licenzja mill-Awtorita' jew Korporazzjoni kompetenti u liema att anke jikkonsisti f'reat jew reati u ghalhekk bhala tali l-atturi qed jitolbu li l-istess att jieqaf, u li l-istess konvenut jigi mwaqqaf milli jkompli jaghmel dan l-att illegali u wkoll li l-konvenut jew konvenuti jigu ddikjarati responsabbli ghad-danni minhabba dan hekk allegat agir illegali taghhom.

Illi din il-Qorti thoss li jidher li l-istess atturi ghandhom interess li jaghmlu l-azzjoni odjerna u dan peress li huma qed isostnu li bl-agir illegali tal-konvenut jew konvenuti, li skond huma anke jikkonsisti f'reat jew reati, huma qed isofru dannu u qed jitolbu proprju dikjarazzjoni ta' danni u

wkoll li l-istess konvenut jew konvenuti jigu inibiti li jkomplu jaghmlu l-istess atti llegali hemm indikati u allegati.

Illi din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz l-agir illegali allegat, u cjoe' l-allegazzjoni li l-konvenuti haffru hofra ghall-ilma fir-raba' taghhom bla permess u li qed jittiehed ilma mill-istess sors jaghti lill-atturi dritt ta' azzjoni anke abbazi ta' l-**artikolu 1033 tal-Kap 16,** liema azzjoni hija kompletament indipendenti minn dik kriminali, proprju minhabba d-distinzjoni u l-indipendenza ta' l-azzjoni kriminali minn dik civili stabilita abbazi ta' l-**artikolu 3 tal-Kodici Kriminali,** li l-istess konvenuti ma semmghux fl-eccezzjoni taghhom, minkejja li l-istess artikolu huwa msemmi fin-nota ta' l-atturi datata 27 ta' April 2005.

Illi nfatti jirrizulta li l-istess artikolu jirreferi wkoll ghal kull min, *"minghajr hsieb li jaghmel deni………………jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, hu obbligat ghall-hsara li tigri minhabba f'hekk".*

Illi hawn il-Qorti qed titkellem biss fuq l-eccezzjoni ta' interess guridiku *ut sic* kif imresqa mill-istess konvenuti u xejn izjed, anke ghaliex f'din il-kawza ghad lanqas biss tresqu provi u ghalhekk l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet attrici ghad iridu jigu ppruvati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u dan anke fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti, u dwar l-istess tinghata decizjoni naturalment fil-mument opportun ovvjament meta jigi trattat il-mertu tac-citazzjoni attrici.

Illi ghalhekk din l-eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi michuda ghaliex jirrizulta li l-atturi ghandhom l-interess guridiku li jaghmlu din l-azzjoni.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk permezz ta' din id-decizjoni preliminari u ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri** taghhom datata 22 ta' Settembru

2005 u dan peress li din il-Qorti thoss li l-atturi ghandhom interess guridiku li jaghmlu din il-kawza.

Bl-ispejjez ta’ din id-decizjoni a spejjez ta’ l-istess konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------